## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07

**31 ta' Jannar 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Oriana Calleja – Viċi Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 7.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**7.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Oriana Calleja li ma setatx tattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

**7.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 7.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**7.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronnie Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

**Il-Kunsillier Ronnie Portelli ma qabilx mal-pagament tas-Sur Michael Calleja.**

**Il-Kunsill approva l-pagamenti.**

## 7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**7.4.1 Is-Sindku Max Zammit awgura lill-kunsilliera s-sena tajba. Huwa qali li kif irnexxielna nimxu s-sena l-oħra kien kuntent ħafna pero importanti li nirrejalizzaw fejn ma morniex daqsekk tajjeb biex ntejbuha.**

**7.4.2 Sindku qal li ġie mistieden mil-ERA biex jattendi seminar ġewwa l-Belgium rigward kif nimmaniġjaw l-iskart u xtaquh jagħti preżentazzjoni f'isem Malta rigward s-*solar bins*, minħabba li aħna huwa l-unika kunsill li naħdmu bihom. Waqt is-seminar huwa qal ukoll kif taħdem is-sistema tal-ġbir tal-iskart u l-inizjattivi li ħadna bħal eżempju ta' meta konna l-ewwel lokalita' li bdejna nqasmu l-bins, nisseparaw l-ikel organiku. Qalilhom ukoll li bħala kunsill noffru s-servizz tal-*bulky refuse* kif ukoll għandna l-IBINS u under ground bins ukoll.**

**Is-Sindku qal li l-ispejjeż ta' dan is-seminar ġew imħallsa mil-ERA.**

Is-Sindku qal li bi pjacir li l-WINPOL irrikonoxxewna bħala *best practice in europe.* Qalilna ukoll li llum ġie mistieden fl-uffiċini tal-ERA biex jitkellem rigward l-esperjenza tiegħu u ta' preżentazzjoni qasira lill-kunsilli oħra simili ta' dik li għamel f'Belgium.

7.4.3 Is-Sindku qal li l-bieraħ filgħaxija rċieva e-mail mingħand s-Sur Petr Stronskiy li huwa l-artist tal-proġett tal-*Gurdian Angel* fejn saqsieh hekk għadniex interessati.

Is-Sindku qal li dan l-aħħar beda jiddiskuti mal- Creek Developments biex forsi jtuna xi sponsor u jirnexxielna nġibu l-Guardian Angel. Qal ukoll li hemm ċans li jkollu sponsor mingħand is-Sur Stivala li huwa l-iżviluppatur ta' permess li għandu joħroġ fil-viċinanzi fi Triq Testaferrata.

## 7.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

7.5.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet għalfejn il-*Call* tal-*Contracts Manager* kienet għadha ma ħarġitx filwaqt li din kienet diġa ġiet deċieża waqt laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku wiegeb li dik il-ġimgħa stess għandha tinħareġ il-*call* ta' *Contracts Manager*.

## 7.6 Attivita' tal-Karnival;

7.6.1 Il-Kunsill qabel li ssir l-attivita' tal-Karnival u nimxu fuq l-istess *budget* tas-sena l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv Yasmine Tonna qalet li minħabba li s-snin ta' qabel dejjem kellna problema li naħbtu mal-karnival tal-Belt u dejjem sibna problema bl-iskejjel qed tissuġġeriexxi li nbidlu il-ġurnata. Hija ssuġġeriet li nagħmluha l-Ħamis ta' qabel ma jibda il-Karnival iġifieri 20 ta' Frar, 2020.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7.7 *Budget*;

7.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba li l-*accountant* għadu ma lestiex il-*financial statements* ma setatx tipprepara l-*budget*. Kif il-*Finacial Satements* tat - 2019 ikunu lesti s-Segretarju Eżekuttiv tkun tista tagħmel il-*Budget*.

## 7.8 Rapport Amministrattiv;

7.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan tkun tista tagħmlu kif ikollha l-*Financial Statements* 2019 lesti.

## 7.9 *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv;

7.9.1 Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-*performance bonus in full* igifieri l-ewwel 6 xhur tas-sena b'6% minħabba li s-Sinjorina Yasmine Tonna kienet għada Assistent Uffiċjali Prinċipali u l-aħħar 6 xhur titħallas bit-10% minħabba li f'Ġunju laħqet is-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill.

## 7.10 *Performance Bonus tal-istaff*;

7.10.1 Il-Kunsill qabel unanimament li kemm d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Anna Micallef kif ukoll l-iskrivan Aris John Fenech jitħalsu *in full* iġifieri bis-6%.

## 7.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

7.11.1 **Il-Kunsillier Ronnie Portelli propona li ssir ikla nhar is-Sibt 22 ta' Frar, 2020.**

**Il-Kunsill qabel unanimament.**

7.11.2 **Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li għandha kuntati ta' pajjiż ġewwa l-Greċja li jismu Kavala fejn jixtieq jagħmlu ġemellaġ magħna. Il-Kunsill qabel li ġġib l-informazzjoni kollha għax huwa interessat.**

7.11.3 **Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u rega sostna l-importanza tal-proġett tal-car park li s-Sindku kien għamel it-teżi tiegħu fuqu. Il-Kunsill qabel li nfakkru l-awtoritajiet dwar il-bżonn ta' underground car park ġewwa Ta' Xbiex.**

## 7.12 Rapporti mill-Kunsilliera;

7.12.1 **Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li fil-Budget 2020 hemm bżonn li nagħmlu budget għal 2 bankini li hemm bżonn jinbidlu li qegħdien fi Triq l-Ambaxxata u Triq Prinċipessa Eliżabetta.**

7.12.2 **Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li Blk E4 in-naħa ta' Triq id-Deffa qed jipparkjaw fuq il-bankina u ssuġġerixxha li nagħmlu xi żewġ bollards għax għalkemm hemm tabella xorta mhux qed jgħatu kasa.**

**Il-Kunsill qabel unanimament.**

## 7.13 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Ġimgħa 17 ta' April, 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum l-Ġimgħa 17 ta' April 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |